



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-585/20

Polwax S.A.

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla Estiża) tal-14 ta' Ġunju 2023

“Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Suq upstream tax-xama' slack – Suq downstream tax-xama' tal-paraffina – Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE – Assenza ta' impenn dwar il-provvista tax-xama' slack – Effetti vertikali – Esklużjoni mis-suq tal-input”

1. *Proċedura ġudizzjarja – Miżuri istruttorji – Suġġett – Prova tal-veraċità tal-allegazzjonijiet fattwali magħmula minn parti insostenn tal-motivi tagħha – Talba intiża għall-eżami mill-ġdid tal-evalwazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata – Talba li teċċedi l-għan tal-miżuri istruttorji*
(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 91)

(ara l-punti 33 sa 35)

2. *Konċentrazzjonijiet bejn impriżi – Eżami mill-Kummissjoni – Definizzjoni tas-suq inkwistjoni – Kriterji – Sostitwibbiltà tal-prodotti – Elementi ta' evalwazzjoni – Kontestazzjoni tad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni – Oneru tal-prova – Obbligu tar-rikorrent sabiex jipproduċi indizji serji li juru li l-prodotti kkonċernati ma humiex sostitwibbli*
(Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004, Artikolu 2; Att tal-Kummissjoni 97/C 372/03, punti 15 sa 20)

(ara l-punti 43 sa 46, 56 sa 71)

3. *Konċentrazzjonijiet bejn impriżi – Evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern – Ħolqien jew tishiġ ta' pożizzjoni dominanti li tostakola b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern – Evalwazzjoni tal-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni*
(Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004, Artikolu 2; Att tal-Kummissjoni 2004/C 31/03, punti 22 u 58 sa 60)

(ara l-punti 78 sa 84)

4. *Konċentrazzjonijiet bejn impriżi – Evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern – Ħolqien jew tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti li tostakola b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern – Evalwazzjoni tal-effetti vertikali tal-konċentrazzjoni – Esklużjoni mis-suq tal-input – Kriterji ta' evalwazzjoni – Kapaċità li teskludi l-aċċess tal-input b'mod sinjifikattiv – Inċentiv tal-esklużjoni mis-suq tal-input – Effett negattiv sinjifikattiv tal-esklużjoni fuq il-kompetizzjoni downstream – Kundizzjonijiet kumulattivi (Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004, Artikolu 2; Att tal-Kummissjoni 2008/C 265/07, punti 31 sa 32)*

(ara l-punti 88 sa 108)

5. *Rikors għal annullament – Motivi – Ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali – Nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni – Eżami ex officio mill-qorti – Invokazzjoni tardiva mir-rikorrent – Assenza ta' effett (Artikoli 263 u 296 TFUE)*

(ara l-punt 113)

6. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern (Artikolu 296 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004)*

(ara l-punti 114 sa 121)

Sunt

Polski Koncern Naftowy Orlen S.A. (iktar 'il quddiem "Orlen") u Grupa Lotos S.A. (iktar 'il quddiem "Lotos"), huma żewġ impriżi integrati vertikalment li huma prinċipalment attivi fir-raffinar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kombustibbli u prodotti relatati ma' kombustibbli fil-Polonja. Orlen hija wkoll attiva f'dawn is-setturi fir-Repubblika Ċeka, fil-Litwanja u fil-Ġermanja.

Fit-3 ta' Lulju 2019, Orlen ikkomunikat lill-Kummissjoni proġett ta' konċentrazzjoni li jikkonsisti fl-akkwist tal-kontroll esklużiv ta' Lotos. Peress li qieset li din l-operazzjoni kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura ta' eżami fil-fond. Fi tmiem din il-proċedura, il-konċentrazzjoni ġiet iddikjarata li hija kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) bla ħsara għall-osservanza ta' ċerti impenji minn Orlen¹.

Il-kumpannija Pollakka Polwax SA li tipproduċi u tikkummerċjalizza xama' tal-paraffina u prodotti fuq bażi ta' paraffina, adixxiet lill-Qorti Ġenerali b'rikors għal annullament ta' din id-deċiżjoni. Dan ir-rikors ġie madankollu miċħud mit-Tielet Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali.

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2020 (Każ M.9014), adottata abbażi tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU 2004, L 24, p. 1).

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għal perizja mressqa minn Polwax fir-rigward tal-effetti tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni.

Għalkemm il-Qorti Ġenerali tista' ċertament tadotta miżura istruttorja f'kull stadju tal-proċedura, xorta jibqa' l-fatt li talba f'dan is-sens għandha tiġi miċħuda meta tmur lil hinn mill-għan tal-miżuri istruttorji msemmija fl-Artikolu 91 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li jikkonsisti fl-awtorizzazzjoni tal-prova tal-veraċità tal-allegazzjonijiet fattwali magħmula minn parti insostenn tal-motivi tagħha. Issa, peress li l-miżura ta' perizja mitluba minn Polwax kellha, fir-realtà, l-għan li teżamina mill-ġdid l-evalwazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-konformità tal-proġett ta' konċentrazzjoni mar-Regolament Nru 139/2004², il-Qorti Ġenerali kienet teċċedi l-kompetenza tagħha bl-adozzjoni ta' tali miżura.

Fil-mertu, Polwax sostniet b'mod partikolari li l-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fuq definizzjoni żbaljata tas-swieq rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tagħha tal-konċentrazzjoni skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 139/2004.

Fir-rigward tas-swieq rilevanti, il-Kummissjoni kienet ikkonstatat li Lotos u Orlen jipproduċu t-tnejn li huma xama' slack, li tintuża prinċipalment bħala materja prima tax-xama' tal-paraffina. Fid-dawl tal-fatt li Lotos tbiegħ xama' slack filwaqt li Orlen tużaha għall-produzzjoni tagħha stess ta' xama' tal-paraffina, il-Kummissjoni kienet qieset li s-swieq tal-prodotti kkonċernati mill-konċentrazzjoni kienu jinkludu suq upstream ikkostitwit mill-provvista ta' xama' slack fil-Polonja u suq downstream ikkostitwit mill-provvista ta' xama' tal-paraffina fiż-ŻEE.

F'dan ir-rigward, Polwax dehret li qegħda tilmenta li l-Kummissjoni ma kkonstatatx l-eżistenza ta' tliet swieq differenti għax-xama' slack, jiġifieri x-xama' slack "ħafifa", "medja" u "tqila". Madankollu, tali lment għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi miċħud bħala infondat.

Fil-fatt, fid-dawl tal-metodu indikat espost fl-Att tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti³, hija Polwax li għandha tipproduċi, insostenn ta' tali lment, indizji serji li juru li t-tipi differenti ta' xama' slack ma humiex sostitwibbli min-naħa tad-domanda u min-naħa tal-provvista sabiex dawn jaqgħu fl-istess suq. Issa, fir-rigward tal-interkambjabbiltà tad-diversi tipi ta' xama' slack mill-perspettiva tad-domanda, Polwax kienet ressqet biss sempliċi allegazzjonijiet. Barra minn hekk, il-kwistjoni tas-sostitwibbiltà possibbli mill-perspettiva tal-offerta lanqas biss kienet indirizzata minn din tal-aħħar.

Insostenn tar-rikors tagħha, Polwax sostniet ukoll li l-Kummissjoni kienet wettqet żball fl-evalwazzjoni tal-effetti tal-konċentrazzjoni fuq is-swieq rilevanti skont l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament Nru 139/2004. F'dan ir-rigward, Polwax ikkontestat, minn naħa, l-assenza ta' eżami tal-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni fis-suq tax-xama' slack u, min-naħa l-oħra, il-fondatezza tal-eżami tal-effetti vertikali tal-konċentrazzjoni fis-suq tax-xama' tal-paraffina.

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40)

³ Att tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi [tal-Unjoni] dwar il-kompetizzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 155).

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq l-assenza ta' eżami tal-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni fis-suq tax-xama' slack. Wara li fakkret li konċentrazzjonijiet orizzontali jistgħu jostakolaw b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva fis-suq minħabba l-ħolqien jew it-tiżiħ ta' pożizzjoni dominanti, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-konċentrazzjoni inkwistjoni ma setax ikollha bħala konsegwenza tnaqqis fil-provvista fis-suq tax-xama' slack, sa fejn huwa paċifiku li Orlen ma kinitx tikkummerċjalizza l-produzzjoni tagħha tax-xama' slack. Minn din il-perspettiva, il-konċentrazzjoni ma setgħetx twassal għat-tneħħija ta' pressjoni kompetittiva sinjifikattiva f'dan is-suq, għall-kostituzzjoni ta' saħħa fis-suq ikbar favur l-impriżi preżenti fl-imsemmi suq u ma setgħetx tiffaċilita l-koordinazzjoni fis-suq.

Barra minn hekk, ma jistax jiġi lmentat li l-Kummissjoni naqset milli teżamina l-possibbiltà li l-konċentrazzjoni tipproduċi effetti antikompetittivi minħabba għaqda bejn impriża diġà preżenti fis-suq, Lotos, u kompetitur potenzjali, Orlen. Fil-fatt, sabiex il-konċentrazzjoni jkollha effetti orizzontali sinjifikattivi, kien ikun neċessarju li l-possibbiltà ta' dħul ta' Orlen fis-suq tax-xama' slack min-naħa tal-offerta tkun toħloq, qabel l-imsemmija konċentrazzjoni, pressjoni sinjifikattiva fuq il-fornituri attwalment preżenti f'dan is-suq. Issa, l-eżistenza ta' tali pressjoni kienet eskluża minħabba l-kwalità ta' xerreġ ta' Orlen fl-imsemmi suq.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-ilment ibbażat fuq l-eżami żbaljat tal-effetti vertikali tal-konċentrazzjoni fis-suq tax-xama' tal-paraffina.

F'dan ir-rigward, Polwax ikkontestat b'mod partikolari l-konklużjoni tal-Kummissjoni li qieset li Orlen, wara l-akkwist ta' Lotos, la kellha l-kapaċità u lanqas l-inċentiv li ssegwi strateġija ta' esklużjoni tal-aċċess għax-xama' slack fis-suq tax-xama' tal-paraffina.

F'dak li jirrigwarda dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' xenarju ta' esklużjoni antikompetittiva mis-suq tal-input, il-Kummissjoni teżamina, l-ewwel, jekk l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkollhiex, wara l-konċentrazzjoni, il-kapaċità li teskludi l-aċċess tal-input b'mod sinjifikattiv, it-tieni, jekk hija jkollhiex l-inċentiv li tagħmel dan u, it-tielet, jekk strateġija ta' esklużjoni jkollhiex effett negattiv sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni downstream. Peress li dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi, l-assenza ta' waħda minnhom hija suffiċjenti sabiex jiġi eskluż ir-riskju ta' esklużjoni tal-input.

Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-ewwel kundizzjoni, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li Orlen ma kellhiex il-kapaċità li tagħlaq l-aċċess għax-xama' slack, peress li, wara l-konċentrazzjoni, iktar minn 60 sa 70 % tas-suq kien jibqa' disponibbli bħala sors ta' provvista tax-xama' slack.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni għustament inkludiet ix-xama' slack importata fil-Polonja fid-definizzjoni tagħha tas-suq tax-xama' slack. Konsegwentement, il-Kummissjoni kienet ukoll korretta meta kkonstatat li parti sostanzjali mill-offerta ta' xama' slack fis-suq ma kinitx ser tiġi affettwata mill-konċentrazzjoni. L-eżistenza ta' importazzjoni ta' xama' slack lejn il-Polonja kienet tirrendi improbabli li, fi tmiem il-konċentrazzjoni, Orlen kien ikollha l-kapaċità li teskludi l-aċċess għas-suq tax-xama' slack. Fi kwalunkwe każ, Polwax baqgħet f'pożizzjoni li tirrikorri għal sorsi alternattivi ta' provvista, mingħajr ma Orlen kienet f'pożizzjoni li teżerċita influwenza negattiva fuq id-disponibbiltà ġenerali tal-inputs għas-suq downstream f'termini ta' prezz jew ta' kwalità.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet ġustament qieset li l-ewwel waħda mill-kundizzjonijiet li kellha tiġi ssodisfatta sabiex l-eżistenza ta' esklużjoni mis-suq tal-input tiġi aċċettata ma kinitx issodisfatta f'dan il-każ.

Peress li l-ilmenti l-oħra mqajma minn Polwax kienu wkoll infondati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.